# Martin Luteru

## *500 Sena mir-Riforma Protestanta*

**minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.**

Is-Sena 2017 tfakkar għall-Kristjaneżmu tal-Punent, il-500 sena tar-Riforma mnedija mir-reliġjuż Agostinjan Martin Luteru (1483-1546) nhar il-31 ta' Ottubru 1517. Dakinhar huwa sammar il-magħrufin Ħamsa u Disgħin Teżi mal-bieb tal-Knisja f'Wittenberg, il-Ġermanja. Kien żmien ikrah għall-Knisja, u bosta, ġa mis-seklu 14, kienu dejjem iħambqu għal tiġdid, fosthom qaddisin kbar bħal Katerina ta' Siena u promoturi tat-Tiġdid u r-Riformi mill-qiegħ bħall-Erażmu u l-Beatu Battista Spagnoli, Karmelitan, meqjus bħala predeċessur ta' Luteru fir-Riforma. Insemmu wkoll il-movimenti tal-Aħwa Irġiel u Nisa tal-Ħajja ta' Flimkien li kellhom influss kbir fuq Luteru għall-formazzjoni li ħa u l-imħabba kbira lejn l-Iskrittura li fiha rawmuh kif ukoll lejn ir-radikalità fl-għejxien tal-Evanġelju.

Luteru kien jenfasizza ħafna li s-salvazzjoni hija don mogħti lilna minn Alla permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù Sidna, il-Feddej waħdieni. Aspett ieħor sabiħ ta' Luteru huwa x-xogħol tat-traduzzjoni tal-Bibbja bil-Ġermaniż tat-Turinġja-Sassonja. Dan kien pass rivoluzzjonarju, iktar fl-istorja tal-ilsien Ġermaniż, milli fl-aċċessibilità tal-Bibbja għall-popolin. Il-Bibbja kienet ġa tinqaleb bl-ilsna "vulgari" sa minn qablu. Huwa wkoll kien kompożitur ta' innijiet liturġiċi li għadhom jindaqqu u jitkantaw sal-lum, mhux biss fil-knejjes Protestanti imma wkoll Kattoliċi. It-teologu l-kbir ta' żmienna Henri de Lubac jinnota li kieku kien hemm ftit iktar doża ta' umiltà min-naħa ta' Luteru u wkoll mill-mexxejja tal-Knisja ta' żmienu, kieku r-Riforma kienet tissarraf f'tiġdid tal-Knisja u mhux f'xiżma! Fil-fatt Luteru kellu karattru kumpless. Kien wieħed minn dawk li quddiemu jew tħobbu jew tobogħdu. Karattru kemxejn pessimist u skrupluż, iebes u ħafif għall-korla.

Kien iżda wkoll devot ħafna, speċjalment fil-ħajja saċerdotali u reliġjuża tiegħu, intelliġenti u ffurmat tajjeb. Biex ngħidu hekk, huwa ġab mod ġdid ta' kif issir it-teoloġija, hekk li minnu 'l quddiem ma baqgħetx marbuta daqstant mas-sistema Skolastika. Huwa offra teoloġija affettiva, frott l-imħabba taħraq għal Kristu, u bnieha fuq l-Iskrittura biss, filwaqt li ried ibarri kull ħjiel ta' "żieda" ta' għerf uman ġejja mnejn hi ġejja. F'diskussjoni kordjali ma' Żwingli (riformatur) huwa afferma li l-filosfi l-kbar, Sokrate, Platun u Aristotli, kollha qed "jinxtwew fin-nar li ma jintemmx tal-Infern għax ma humiex mgħammdin". U meta Żwingli wera li stagħġeb dwar dan li qed jgħid, malajr wieġbu li "m'intix Nisrani u jiddispjaċini li ħlejt ħini miegħek". Kull ħaġa li f'għajnejh ma kinitx biblika, allura kienet pagana u jistħoqqilha kundanna. Nistgħu ngħidu li Luteru ma setax iniżżel, bħal Savonarola qablu, il-bidla taż-żmien, jiġifieri mill-Medju Evu, mibni kollu kemm hu fuq Alla għar-Rinaxximent li jdur fuq il-bniedem. Il-kwistjoni tal-indulġenzi kienet biss ħaġa waħda minn skumdità kbira fi Knisja li fi żmien ir-Rinaxximent għammdet f'għajnejh il-paganiżmu bl-arti, il-ftuħ għas-sistemi ġodda intellettwali.

Wasal iż-żmien li nagħmlu ftit tisfija tal-memorja u nneħħu ftit il-miti li waslulna fuq Luteru mis-seklu 19 lil hawn dwar is-Sagramenti u l-Verġni Marija. Huwa minnu li, fil-mod ta' kif kien jifhem teoloġikament dawn il-misteri, kien differenti u rivoluzzjonarju u mhux dejjem jaqbel mad-duttrina Kattolika. Imma rridu ngħidu li Luteru kiteb uħud mill-isbaħ versi fuq il-Madonna, forsi isbaħ minn dawk li kiteb San Bernard. Fost l-anatemi li venven insibu lil dawk li jiċħdu l-Verġinità Perpetwa tal-Imqaddsa Verġni Marija.

Luteru qaleb il-Quddiesa għal ilsien il-poplu biex jieħdu sehem fil-Liturġija. Darba minnhom, huwa u jiċċelebra l-Ikla tal-Mulej, waqgħulu xi frak tal-ħobż u xi qtar tal-inbid, u niżel għarkopptejh fl-art jiġborhom b'ilsienu b'rispett kbir! Illum bosta jistaqsu jekk tassew Luteru kienx Luteran kif żviluppa l-Luteraniżmu warajh!

Għalkemm hemm bosta x'wieħed jgħid dwar Luteru, forsi wieħed mill-aspetti sbieħ tiegħu huwa l-esperjenza tat-talb u t-tagħlim tiegħu dwar it-talb. Dan l-aspett lilna għandu jolqotna mill-qrib għax il-Karmelu huwa fih innifsu skola ta' talb u għaldaqstant nixtieq nagħtu ħarsa ħafifa dwar dan l-aspett. Luteru kien reliġjuż Agostinjan u għaldaqstant il-prassi u d-duttrina tiegħu dwar it-talb hija, biex ngħidu hekk, waħda influwenzata mit-tradizzjoni monastika. Huwa jgħaqqad flimkien it-talb u "n-nuqqas ta' ħila". Għal Luteru, huwa meta aħna niġu wiċċ imbwiċċ man-nuqqas ta' ħila tagħna li nitgħallmu nitolbu, għax fin-nuqqas ta' ħila tagħna, permezz tat-talb, nikbru fit-tama u nersqu lejn Alla għall-għajnuna. Luteru kien tassew jemmen dak li jgħallimna San Pawl, jiġifieri li l-Ispirtu s-Santu jidħol għalina fin-nuqqas ta' ħila tagħna u jgħallimna nitolbu kif imiss. Għal Luteru, in-Nisrani li jitlob, qatt ma jista' jkun taħt il-ħakma tax-Xitan, għax in-Nisrani li jitlob jistkenn għad-dell ta' Alla, jittallab fit-talb il-ħniena u l-għajnuna. Għal Luteru, it-talb, mela, huwa supplika għall-għajnuna u l-ħniena. F'dan iqarreb lejn il-Missirijiet u l-Ommijiet tad-Deżert li jgħallmuna nitolbu bla ma naqtgħu fuq l-amar ta' Ġesù fl-Evanġelju. Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' ħila jnissel fina sens li ma jistħoqqilniex noqogħdu quddiem Alla, għax aħna dgħajfin u midinbin. Iżda dan iċ-ċokon tagħna, il-limitu, id-dnub, flok ibegħedna minn Alla għandna nużawh, biex ngħidu hekk, ħalli niggranfaw iktar miegħu u nindunaw li mingħajr Alla f'ħajjitna aħna mitlufin għal dejjem. Fit-talb aħna nuru fidi fiduċjuża f'Alla għax nintelqu f'idejh.

Bħall-Axxeti tad-Deżert, Luteru jgħallimna li għandna nitolbu bla ma naqtgħu, f'kollox, f'kull ħin u f'kull waqt, kemm b'talb spontanju, jiġifieri li ħiereġ mill-qalb, kif ukoll b'ħinjiet regolari li fihom nużaw talb diġà miktub u talb strutturat, waħedna jew flimkien ma' oħrajn. Għal Luteru meta nitolbu u ma naqilgħux mingħand Alla dak li nitolbu, jew saħansitra naqilgħu l-kuntrarju, ma għandniex niddispraw jew nitilfu l-fidi, imma nieħdu l-okkażjoni biex nissaħħu fil-ġlieda tagħna kontra l-ħażin. Il-kuntrarju għandu l-qawwa li jsaħħaħna u jqawwina f'dak li hu tajjeb jekk nilqgħuh bil-fidi f'Alla li qatt ma jtina dak li hu ta' ħsara għalina.

Matul din is-sena, aħna u nfakkru bħala Knisja (mhux niċċelebraw għax ma nistgħux niċċelebraw firda u xiżma fil-Knisja), il-ġrajja u l-effett tar-Riforma, kemm tajjeb u inqas tajjeb, ejjew nitolbu għall-għaqda tal-Insara fi Kristu, biex inkunu merħla waħda taħt Ragħaj wieħed. Nimpenjaw irwieħna sabiex il-fidi tagħna tkun iktar waħda interjuri milli esterjuri. F'pajjiżna neħtieġu din ir-riforma kbira fil-mentalità tagħna li nnaqqsu mill-aspett esterjuri tal-fidi u nżidu doża tajba ta' interjorità, speċjalment fil-qari tal-Kelma ta' Alla u l-laqgħa ma' Kristu f'qalbna permezz tal-fidi.

Il-Papa Franġisku fl-Iżvezja waqt laqgħa ta' talb mal-Luterani f'Ottubru tas-sena l-oħra. Fost l-oħrajn qal: *"L-unità fost l-Insara hija prijorità, għaliex nagħrfu li bejnna hemm ħafna aktar x'jgħaqqadna minn dak li jifridna."*

